**5 ta' Mejju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Stephen Muscat

**Sentenza Sospiża**

*L-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali jippermetti, entro ċerti parametri, s-sospensjoni ta' sentenza ta' priġunerija, iżda mhux sentenza ta' detenzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Stephen Muscat talli fil-25 ta' Settembru, 1994 għall-ħabta ta' nofs in-nhar fil-bini tal-Qorti,

il-Belt Valletta (1) volontarjament kiser il-paċi pubblika u l-*buon ordni* b'għajat u ġlied; (2) bi kliem insulenta u hedded lil Joseph Mifsud, John Pisani u Stephen Busuttil; (3) ħebb għal John Pisani sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara; u (4) ħebb għal Stephen Busuttil u kkaġunalu feriti ta' natura ħafifa skond kif iċċertifikat mit-Tabib Dr. Stephen West;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-25 ta' Novembru, 1994 li biha dik il-Qorti, wara li sabet lill-imsemmi Muscat mhux ħati tat-tielet imputazzjoni kif ukoll mhux ħati tat-tieni imputazzjoni in kwantu biss tirrigwarda, ċjoe` fil-konfront ta' John Pisani, iżda sabitu ħati ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjoni, ikkundannatu għall-piena ta' sitt ijiem detenzjoni sospiża għal tliet snin;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Stephen Muscat, minnu pprezentat fis-6 ta' Diċembru, 1994 li bih l-imsemmi Muscat talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li tiġi kkonfermata fejn instab mhux ħati u rrevokata fil-bqija b'mod li hu jiġi lliberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu li l-imputazzjonijiet dedotti ma jirriżultawx ippruvati u anke jekk, għall-grazzja ta' l-argument, dawn huma ppruvati, l-azzjoni kriminali hija eżawrita bil-maħfra ta' Stephen Busuttil. Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx. L-imputazzjoni ta' ksur tal-*buon ordni* u l-kwiet tal-pubbliku (artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali) tirriżulta mid-deposizzjonijiet ta' kważi x-xhieda kollha li xehdu f'dana l-appell; l-imputazzjoni ta'

nsulti jew theddid fil-konfront ta' Joseph Mifsud u Stephen Busuttil fit-termini ta' l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tirriżulta ppruvata mid-deposizzjoni ta' l-Ispettur Joseph Valletta u tal-ġurnalista Joseph Mifsud; filwaqt li l-imputazzjoni li kkaġuna offiża ta' natura ħafifa, fit-termini ta' l-artikolu 221(3)(b) ta' l-imsemmi Kodiċi tirriżulta mid-deposizzjonijiet ta' diversi xhieda, fosthom ta' l-istess offiż Stephen Busuttil. Kwantu għall-maħfra ta' Stephen Busuttil u l-pretiż eżawriment ta' l-azzjoni, din il-Qorti tosserva li, apparti l-fatt li r-reat ta' ksur tal-*buon ordni* u l-kwiet tal-pubbliku hu dejjem prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija Esekuttiva, fil-konfront taż-żewġ reati l-oħra hawn aktar 'il fuq imsemmija, għalkemm dawn huma normalment prosegwibbli biss fuq il-kwerela tal-parti leża, japplika f'dan il-każ il-*proviso* ta' l-artikolu 373 tal-Kap. 9. F'dan il-każ, infatti, ir-reati ta' insulti u theddid u ta' offiża ta' natura ħafifa huma mhux biss akkompanjati minn reat li jmiss l-ordni pubbliku - il-ksur tal-*buon ordni* u l-kwiet tal-pubbliku - iżda għar-rigward ta' dawn iż-żewġ reati l-parti leża ma mexxietx l-azzjoni kriminali hi u ma jirriżultax li rrinunzjat espressament għall-istess azzjoni fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li sar ir-reat. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, l-azzjoni fil-konfornt ta' dawn iż-żewġ reati setgħet titmexxa *ex officio*, kif di fatti tmexxiet. Hi ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti li meta l-azzjoni titmexxa *ex officio* fit-termini ta' l-imsemmi *proviso*, il-maħfra tal-parti leża ma għandha ebda effett fuq l-azzjoni u tista' biss, fil-każijiet kongruwi, tinfluwixxi fuq il-piena. Għalhekk dan l-ewwel aggravju qed jiġi respint;

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu, aktar milli aggravju dwar is-sejbien ta' ħtija jew aggravju dwar il-piena, kritika da parti tiegħu ta' espressjoni adoperata mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha meta kkunsidrat li dawn ir-reati huma meqjusa bħala gravi ħafna "stante li aġir bħal dan jimmina eżerċizzju liberu ta' professjoni tant

neċessarja għall-ħajja demokratika ta' pajjiż" u dan b'referenza ovvja għall-professjoni ġurnalistika. L-appellant jilmenta wkoll mill-aġir tal-*cameramen*, ġurnalisti u fotografi f'dan il-każ, ċjoe` fl-okkażjoni ta' meta ħuh tressaq il-Qorti akkużat b'diversi reati u jistaqsi jekk dawn għandhomx dritt illi fl-edifizzju tal-Qorti, mingħajr il-permess tal-Qorti jew tar-Reġistratur tal-Qorti jew tal-persuna jew persuni li jkunu qed jiġu ffotografati jew iffilmati, jiġbdu ritratti jew *films*. Din il-Qorti pero`, tara li m'għandhiex tippronunzja ruħha, *obiter* jew altrimenti, fuq dak li mhux strettament neċessarju għad-determinazzjoni tal-vertenza. Dak li din il-Qorti tara li hu relevanti għall-finijiet ta' piena hu li l-appellant, għax deherlu li l-ġurnalisti, fotografi u *cameramen* ma kellhomx dritt jagħmlu dak li kienu qed jagħmlu, fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom u fl-okkażjoni meta ħuh tressaq il-Qorti, ħa l-liġi f'idejh u kkommetta r-reati aktar 'l fuq imsemmija Dan hu assolutament intollerabbli f'soċjeta` ċivili u hu doppjament kundannabbli in vista tal-fatt li dawn ir-reati seħħew fl-edifizzju tal-Qorti fejn għadha tirrenja mhux biss il-konvivenza ċivili anke meta ma jkunx hemm qbil dwar fatti u dwar drittijiet, iżda għandha tirrenja wkoll dik it-trankwillita`, serenita` u sigurta` sabiex id-diversi Qrati jkunu jistgħu jamministraw sew u kif jixraq il-ġustizzja. Din il-Qorti tillimita ruħha li tosserva li meta l-ewwel Qorti irriferiet għall-"eżerċizzju liberu ta' professjoni tant neċessarja għall-ħajja demokratika ta' pajjiż" ikkwalifikat din il-frażi tal-kliem "jekk eżerċitata bil-qis u b'ċirkospezzjoni". Din l-aħħar frażi l-appellant għażel li jinjoraha fir-rikors tiegħu. Dwar dan l-aggravju, għalhekk, din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tgħid aktar;

Fl-aħħarnett l-appellant jilmenta dwar il-piena li hu jqis li kienet eċċessiva. Din il-Qorti ma taqbilx li l-piena ta' sitt ijiem detenzjoni kienet eċċessiva fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Anzi jekk hemm

xi ħaġa li dwarha ppekkat l-ewwel Qorti kien fil-fatt li l-piena inflitta għat-tliet reati li tagħhom l-appellant instab ħati - żewġ kontravvenzjonijiet u delitt - kienet wisq miti. Inoltre, u evidentement bi żvista, l-ewwel Qorti ssospendiet din il-piena għall-perijodu ta' tliet snin u kkwotat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali. Issa, dana l-artikolu jippermetti, entro ċerti parametri, is-sospensjoni ta' sentenza ta' priġunerija iżda mhux sentenza ta' detenzjoni. Dan jista' joħloq problemi f'każ li s-sentenza jkollha tiġi attivata fit-termini ta' l-artikolu 28B tal-Kap. 9. Minħabba f'hekk u peress li fi kwalunkwe każ l-appellant qed jilmenta dwar il-piena, din il-Qorti, wara li ħadet ukoll in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluża x-xorta tar-reati u l-kondotta tal-ħati hi tal-fehma li għandha torbot xorta waħda lill-appellant għal tliet snin iżda mingħajr ma tinfliġġi piena, b'mod li għalhekk din il-Qorti ma tkunx qed tiddetermina għal issa x'piena għandu jingħata l-appellant f'każ li jikkommetti reat matul dawk it-tliet snin;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux ħati kif ukoll tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati kif aktar 'il fuq imfisser, tħassarha u tirrevokaha kwantu għall-piena ta' sitt ijiem detenzjoni sospiżi għal tliet snin u minnflok, wara li rat l-artikolu 9(1) tal-Kap. 152, qiegħda tagħmel is-segwenti ordni għal-liberazzjoni taħt kundizzjoni fit-termini ta' dak l-artikolu u konsegwentement tillibera lill-appellant taħt kundizzjoni illi ma jagħmel ebda reat matul il-perijodu ta' tliet snin mil-lum. Għal kull *buon fini* dina l-Qorti qed tiddikjara li qabel ma għamlet dina l-ordni hija ottemperat ruħha ma dak li jirrikjedi s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 9 imsemmi u ċjoe` fissret lill-ħati bi kliem ċar illi jekk jagħmel reat ieħor matul il-perijodu tal-liberazzjoni taħt kundizzjoni

huwa jkun jista' jiġi kkundannat għar-reati oriġinali.